MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Rikors Numru. 16/2003/1

Fl-Atti tar-Riferenza tat-30 ta' Mejju, 2003, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Maġistrat Dr. Miriam Hayman LL.D.) fl-Atti tal-Kawża fl-ismijiet:

**IL-PULIZIJA** (Spettur Anġelo Caruana)

vs

Anthony **ŻAMMIT**, John Woods u Ahmed Esawi Mohamed Fakri

**Il-Qorti:**

Dan huwa Degriet għall-finijiet tal-artikolu 173 tal-Kapitolu 12 tal-liġijiet ta' Malta, fuq talba magħmula b'rikors imressaq mill-avukati Jason Azzopardi u Chirs Busietta fid-19 ta' Novembru, 2003, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, f'isem John Woods, talbu li din il-Qorti tieqaf milli tgħaddi għall-għoti tas-sentenza u dan sabiex l-istess John Woods jerġa' jiddaħħal fl-atti tar-Riferenza Kostituzzjonali minkejja n-Nota ta' Ċessjoni li tressqet f'ismu waqt is-smigħ tas-17 ta' Ġunju, 2003;

Illi għall-imsemmija talba, l-Avukat tar-Repubblika irrileva li t-talba ma tistax tintlaqa' billi fil-liġi m'hemm xejn fil-Kodiċi tal-Proċedura li jippermetti lil parti f'kawża li tkun ċediet l-atti li tista' terġa' tirripristina dawk l-atti;

Illi dwar l-imsemmija riżerva, l-abbli difensur ta' John Woods ressaq diversi argumenti favur li t-talba tintlaqa': ewlenija fosthom huma (a) l-għamla ta' proċedura preżenti, (b) l-effett tar-rinunzja għall-atti ta' kawża fuq il-mertu tal-jedd pretiż; (ċ) l-espedjenza li tiġi evitata duplikazzjoni ta' proċedimenti; u (d) t-twettiq tal-liġi skond il-ħaqq;

Illi l-episodju li dwaru qiegħed jintalab li jingħata dan il-provvediment jmur lura għas-smigħ tas-17 ta' Ġunju, 2003[1], li matulu tressqet Nota ta' ċessjoni mill-avukat imqabbad mir-rikorrent Woods wara li l-Qorti semgħet lill-istess Woods jiddikjara li kien jaf x'kien l-effett tad-dikarazzjoni tiegħu;

Illi huwa magħruf li, fil-proċeduri ordinarji, r-rinunzja jew ċessjoni ttemm il-proċedura li tkun ġiet hekk ċeduta imma ma ttemmx il-jedd għall-azzjoni, l-iżjed meta r-rinunzja jew iċ-ċessjoni tkun saret mill-parti attriċi "biex tirregola ruħha"[2]. Huwa għalhekk li l-liġi tqabbel ir-rinunzja mad-deżerzjoni għal dak li huwa effett[3]. Iżda minħabba li l-effetti tar-rinunzja huma bħal dawk li jseħħu fid-deżerzjoni, l-liġi trid persuna li trid terġa' tiftaħ kawża fuq l-istess ħaġa kontra l-istess persuna jeħtiġilha li, qabel, tħallas l-ispejjeż tal-kawża ċeduta. Fin-nuqqas, il-parti mħarrka għandha jedd li tqanqal l-eċċezzjoni relattiva li, jekk tintlaqa', twassal lil dik il-parti li tinħeles milli tibqa' iżjed fil-kawża[4];

Illi huwa minnu li n-Nota ta' Ċessjoni tista' titqies bħala att irriversibbli[5], imma ma jsirx b'daqshekk l-att li jtemm l-azzjoni, bħalma l-att ta' ammissjoni tal-parti mħarrka ma jtemmx il-kawża. Il-Qorti hija tal-fehma li l-waqt effettiv taċ-ċessjoni tal-kawża huwa meta l-Qorti tippronunċjaha. Li kieku l-kawża tieqaf meta titressaq in-Nota (ta' ċessjoni) fir-Reġistru, is-smigħ li jsir wara mill-Qorti biex fih isir il-qari tan-Nota u l-Qorti tieqaf milli tisma' l-kawża ma jkollu l-ebda siwi, anzi, għall-kuntrarju, jkun fieragħ. Dan jingħad għaliex din il-Qorti tifhem li ċ-ċessjoni jew rinunzja tal-parti attriċi għall-atti hija, tassew, il-pass determinanti li jixhed ir-rieda jew volonta' tal-parti rinunzjanti (minkejja l-qbil jew in-nuqqas ta' qbil tal-parti l-oħra), imma ma tiħux post id-determinazzjoni tal-vertenza li l-liġi tqiegħed biss fis-setgħa u l-funzjoni tal-ġudikant ladarba l-kawża tkun tressqet quddiemu. Fi kliem ieħor, iċ-ċessjoni

---

1 Paġ. 23 tal-proċess
2 Ara Kollez. Vol: **XXVIII.iii.737**
3 Art. 907(1) tal-Kap 12
4 Caruana Galizia **Notes on Civil Procedure,** paġ. 1452
5 Ara, per eżempju, P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***HSBC Bank (Malta) Limited vs Teg Industries Ltd.***

toħloq kważi-kuntratt ġudizzjarju bejn il-partijiet f'kawża[6], li l-formaliżżazzjoni tiegħu jiġi sanzjonat biss meta l-ġudikant jipprovdi l-għarfien tiegħu bil-pronunżjament jew degriet li jiddikjara l-kawża mitmuma;

Illi, minkejja s-siwi tal-prinċipji fuq imsemmija u li din il-Qorti ma trid bl-ebda mod titbiegħed minnhom, jidher li fil-każ preżenti hemm fatturi siewja li jmisshom jitqiesu qabel ma tittieħed deċiżjoni fuq it-talba tar-rikorrenti. Ewlenija fosthom, fil-fehma tal-Qorti, hija dik li, kif tajjeb issottometta l-abbli difensur ta' Woods, l-proċeduri preżenti ma humiex proċediment ordinarju, kif hija mifhuma dik il-kelma fil-liġi. Il-proċedura preżenti hija riferenza, li tkun saret a tenur tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni, mhux minn individwu, imma minn Qorti oħra li m'hijiex il-Qorti vestita bil-kompetenza li tisma' u taqta' ilment Kostituzzjonali;

Illi dan ifisser li, jekk dik il-Qorti (f'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) dehrilha li ma kienx każ frivolu u vessatorju li tibgħat il-kwestjoni mqanqla quddiemha għand din il-Qorti sabiex din il-Qorti tiddeċiedi dwarha, ma setax ikun allura xi wieħed mill-persuni akkużati quddiem dik il-Qorti li jtemm dik ir-riferenza billi jressaq nota għar-rinunzja tal-atti. Dan jingħad ukoll minkejja l-fatt li kien rikors ta' John Woods imressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati li qanqal fil-bidu l-kwestjoni kostituzzjonali;

Illi, minbarra dan, huwa magħruf ukoll li fi proċeduri kostituzzjonali jew dawk imressqin bis-saħħa u taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, l-partijiet m'humiex imxekklin bil-limitazzjonijiet preskritti fil-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili għal dak li jirrigwarda kawżali u talbiet li parti tista' tagħmel[7]. B'żieda ma' dan, ir-Regolamenti proċedurali fis-seħħ dwar proċedimenti ta' għamla Kostituzzjonali jew Konvenzjonali[8], jagħmluha ċara li dak li jgħodd għall-proċediment mibdi

[6] P.A. AM **23.1.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Kummissarju tal-Artijiet vs Paul Apap noe*** (mhix pubblikata)
[7] P.A. Kost. **3.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Żarb et vs L-Avukat Ġenerali et***
[8] Ara Regplamenti 2 u 7 tal-A.L. 35 tal-1993

taħt l-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni m'huwiex estiż awtomatikament għall-proċediment li jitnissel taħt l-artikolu 46(3) tagħha;

Illi, minbarra dan, fil-każ preżenti, n-nota mressqa minn Woods waqt l-ewwel smigħ tal-preżenti proċedura ma temmitx il-proċedura, u dan billi r-Riferenza kienet tressqet ukoll fl-interess ta' żewġ ko-akkużati. Kemm hu hekk, il-proċedura ssoktat tinstama' u tmexxiet 'il quddiem b'mod li issa tinsab imħollija għall-għoti tas-sentenza. Dan juri wkoll li ċ-ċessjoni ta' Woods ma tista' bl-ebda mod titqabbel ma' ċessjoni "normali" li bis-saħħa tagħha Qorti ma jifdlilha xejn x'tagħmel għajr li tieqaf milli tqis dik il-parti tal-vertenza li tkun ġiet ċeduta;

Illi, madankollu, kieku wkoll kellu jingħad li wieħed irid jimxi b'mod fidil mar-regoli proċedurali tal-Kodiċi, jitnissel dubju mhux traskurabbli dwar kemm kienet tiswa n-nota ta' ċessjoni mressqa fis-17 ta' Ġunju, 2003. Dan jingħad għaliex, sa mill-bidu ta' dak is-smigħ, l-avukat difensur ta' Woods kienet għamlet dikjarazzjoni li hija kienet qegħda tirrinunzja għall-patroċinju tiegħu, u dan qabel ma tressqet l-imsemmija Nota ta' Ċessjoni. Id-dikjarazzjoni hekk magħmula f'isem Woods, li jidher li ma kinitx saret b'inkariku speċjali tiegħu, tista' titraġġa' lura f'kull waqt tal-proċedura qabel is-sentenza[9];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tilqa' t-talba u tordna li John Woods għandu jitqies għal kull fini li huwa parti interessata bil-proċediment tar-Riferenza Kostituzzjonali u bid-deċiżjoni li sejra tingħata dwar tali Riferenza, daqslikieku huwa ma irrinunzja qatt għall-imsemmi proċediment.

## < Sentenza In Parte >

[9] Art. 695 tal-Kap 12

---------------------------------TMIEM---------------------------------